Numru ta' Referenza: GF 00104/10
Post: SmartCity Malta, Kalkara
Proposta: Installazzjoni ta' *batching plant* temporanja għall-konkrit ġewwa SmartCity Malta

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità f'Ottubru 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fl-20 ta' Ottubru 2010.

Reference Number: GF 00104/10
Location: SmartCity Malta, Kalkara
Proposal: Installation of a temporary concrete batching plant at SmartCity Malta.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in October 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 20th October 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja, inkluż trabijiet | Jistgħu jinħolqu xi trabijiet waqt l-operat normali. Minn dan il-lat, mhux mistenni ebda impatt sinifikanti, dment li jitwettqu l-miżuri previsti mill-pjan approvat għall-ġestjoni tal-fażi tal-kostruzzjoni. |
| *Impacts on air quality, including dust* | *Minor dust emissions may arise from normal operations. No significant impacts are envisaged in this regard, as long as the mitigation measures identified in the approved construction management plan are implemented.* |
| Storbju | Il-livelli ta' storbju se jiżdiedu waqt l-operat, iżda meta jitqiesu l-kuntest tas-sit u l-fatt li l-proposta se tnaqqas it-traffiku ta' vetturi goffi mit-toroq arterjali, mhux mistenni li jkun hemm impatti sinifikanti. |
| *Noise* | *Noise levels will increase during operation, however given the site context and considering that the proposal will help reduce heavy vehicle traffic from major arterial roads; no significant environmental effects are envisaged.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Novembru, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environment and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th November, 2010

**Nru. 1148**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li il-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

**No. 1148**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b’mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta’ studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta’ Referenza: PA 02116/09
Post: Sit ġewwa ‘Sunrise Farm’, Ta’ Laurenti, limiti tar-Rabat, Malta
Proposta: Żieda ta’ demmiela għal razzett tat-tiġieġ eżistenti

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, kif ukoll il-miżuri biex jittaffew l-istess impatti, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġie sottomess lill-Awtorità fil-11 ta’ Mejju 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-4 ta’ Ottubru 2010.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 02116/09
Location: Site at Sunrise Farm, Ta’ Laurenti limits of Rabat Malta
Proposal: To add a manure clamp to an existing poultry farm

The following potential environmental impacts and corresponding mitigation measures were identified in the Project Description Statement (PDS) which was submitted to MEPA on the 11th May 2010, and in the justification for exemption from carrying out an Environmental Impact

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Produzzjoni ta’ skart | Il-proġett se jiġġenera skart inert matul il-fażi ta’ kostruzzjoni, iżda dawn il-kwantitajiet x’aktarx li jkunu żgħar. L-iskart tal-annimali se jkun immaniġġat u trattat skont pjan approvat għall-immaniġġar tal-iskart. Il-faċilitajiet għall-ġestjoni tal-iskart (fosthom demmiela u numru ta’ fosos) huma intrinsiċi għall-infrastruttura tal-irziezet, bħalma titlob il-Kodiċi ta’ Prassi Agrikola Tajba (CoGAP). Barra minn hekk, il-ġestjoni ta’ skart ser tiġi regolata permezz ta’ permess għall-operat. |
| *Waste generation* | *The project will generate inert waste during the construction phase, but quantities are likely to be minimal. Animal waste is to be managed and treated, as per an approved waste management plan. Waste management facilities (including a manure clamp and a number of cesspits) are intrinsic to the farm infrastructure as per Code of Good Agricultural Practice (CoGAP) requirements. Furthermore, waste management will be regulated through an operational permit.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja, inklużi rwejjaħ | Il-proġett x’aktarx li jiġġenera l-ammonja waqt l-operat. Is-sit jinsab madwar 500 metru ’l bogħod mill-eqreb grupp ta’ bini u għalhekk mhux mistenni li l-irwejjaħ ikunu ta’ inkonvenjent għar-residenti. L-irwejjaħ ser jitnaqqsu permezz ta’ prattiċi stabbiliti għall-ġestjoni tal-iskart |
| *Impact on air quality, including odours* | *The project is likely to release ammonia through its daily operations. The site is located approximately 500 metres away from the closest settlement, and odours are thus not likely to pose a nuisance to residents. Odours shall be minimised through established waste management practices.* |

| | |
|---|---|
| Impatti fuq il-wirt kulturali | Dan ir-razett jinsab viċin żona li hija kkaratterizzata minn fdalijiet arkeoloġiċi bħal oqbra maqtugħin fil-blat. Peress li s-sit diġà huwa użat bħala razzett fil-preżent u din l-applikazzjoni tikkonsisti fl-introduzzjoni tat-tieni demmiela fuq is-sit, mhux mistenni li l-impatt fuq il-wirt kulturali jkun sinifikanti għall-finijiet tal-proċess tal-EIA. Il-wirt kulturali se jkun mistħarreġ bħala parti mill-ipproċessar tal-applikazzjoni ghall-permess tal-iżvilupp. |
| *Impact on cultural heritage* | *The livestock farm is located in proximity to an area characterised by archaeological remains such as rock-cut tombs. Given that the site is already committed for animal husbandry and this application seeks the addition of a second manure clamp, impacts on cultural heritage are not likely to be significant for EIA purposes. Cultural heritage will be assessed through the processing of the development permit application.* |
| Impatt viżiv | L-impatt viżiv tal-iżvilupp jista' jitnaqqas aktar permezz ta' *landscaping* li jgħatti l-iżvilupp minn kull naħa. L-ispeċi magħżula, kif ukoll it-tħawwil tagħhom, għandhom jirriflettu l-karatteristiċi tal-ambjent tal-madwar sabiex l-iżvilupp ikun integrat aħjar fil-pajsaġġ tal-madwar. |
| *Visual impact* | *The visual impact of the development can be further mitigated through suitable landscaping that screens the development on all fronts. Both the species and the planting layouts used should reflect the surrounding environmental characteristics for improved blending into the landscape.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Novembru, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environment and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th November, 2010

**Nru. 1149**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

**No. 1149**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 16. 11. 2010 | €32.815 | €0.655 |

Is-16 ta' Novembru, 2010

16th November, 2010